## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IT-TIENI SENA | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**ISEM** ______________________________ **KLASSI** ______________

## TAQSIMA A

**Kompli dawn is-sentenzi bil-lista ta' taħt:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Lhud ma kinux jaqblu mar-Rumani għax | ______________________ |
| 2. | Isem ieħor għall-Ispirtu s-Santu hu | ______________________ |
| 3. | Fl-Atti ta' l-Appostli nsibu r-rakkont ta' | ______________________ |
| 4. | Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ iżda | ______________________ |
| 5. | Ġesù jxebbah Lilu nnifsu | ______________________ |
| 6. | Il-Lhud kienu mifrudin mis-Samaritani għax | ______________________ |
| 7. | Ġesù  jistieden lil kull midneb biex | ______________________ |
| 8. | Ġesù bagħat lill-Appostli jgħammdu u jgħallmu | ______________________ |
| 9. | L-Appostli għaddew minn ħafna persekuzzjonijiet | ______________________ |
| 10. | Ġesù ġie biex jgħaqqadna ma' Alla missierna u | ______________________ |

| | |
|---|---|
| bejnietna bħal aħwa. | għall-imħabba t'Alla. |
| jaqla' l-maħfra tiegħu. | mar-Ragħaj it-Tajjeb. |
| dawn tħalltu mal-pagani. | dawn kellhom ħafna allat. |
| Ruħ il-Qodos. | lill-ġnus kollha. |
| lill-midinbin. | meta San Pawl ġie Malta. |

**(10 marki)**

## TAQSIMA B

**Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.**

“Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm u waqa’ f’idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa’ sejjer. Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa’ sejjer. Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħl biż-żejt u l-inbid u rabathomlu. Imbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f’lukanda u ħa ħsiebu. L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu, “Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa’ ngħaddi.”

Minn dawn it-tlieta, inti min jidhirlek li ġieb ruħu ta’ proxxmu ma’ dak li waqa’ f’idejn il-ħallelin?”

“Min ħenn għalih, “ wieġbu l-għaref tal-Liġi.

“Mur,“ qallu Ġesù, “u għamel hekk int ukoll.” (Luqa 10,30-37)

1. X’għamlulu l-ħallelin lil dak ir-raġel li kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm?

 ______________________________________________

2. Kif ħassu dak ir-raġel li waqa’ f’idejn il-ħallelin meta ra lil sħabu Lhud jibqgħu għaddejjin?

 ______________________________________________

3. X’għamel wieħed Samaritan li kien għaddej minn hemm?

 ______________________________________________

4. X’tagħlima jrid jagħtina Ġesù b’din il-parabbola?

 ______________________________________________

5. Agħti **żewġ** eżempji kif inti tista’ tkun ta’ għajnuna għall-oħrajn:

 a) fil-familja

 ______________________________________________

 ______________________________________________

 b) fl-iskola

 ______________________________________________

 ______________________________________________

 ċ) matul il-vaganzi

 ______________________________________________

 ______________________________________________

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ċ

A. Ikteb 3 sentenzi dwar x'tagħmel il-Knisja f'kull waħda minn dawn il-ħidmiet tagħha:

1) Id-Dar tal-Providenza

2) Id-djar tat-tfal

3) Id-djar ta' l-anzjani

4) Il-Caritas f'Malta (jew Oasi f'Għawdex)

**(12-il marka)**

## TAQSIMA D

**Agħżel it-tajba u agħmel sinjal taħtha.**

1. Madre Tereża kienet soru li taħdem fost (il-morda fqar – is-suldati fil-gwerra – l-istudenti ta' l-università).
2. San Ġwann Bosco huwa meqjus bħala l-Qaddis (tal-morda fl-isptarijiet – tal-anzjani – tat-tfal u taż-żgħażagħ).
3. Dak kollu li aħna qed nagħmlu ma' l-oħrajn inkunu qed nagħmluh ma' (Jean Jugan – San Vincent De Paul – Ġesù).
4. Fis-Salm Responsorjali (nagħtu l-paċi lil xulxin – inwieġbu għall-qari li nkunu smajna – inressqu l-offerti tagħna).

**(8 marki)**

## TAQSIMA E

**Fisser dan il-kliem mit-Testment il-Ġdid**

1. "Troddu lil ħadd deni b'deni…Tivvendikawx ruħkom b'idejkom" (Rum 12, 17)

2. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23, 34)

3. “Missier, jekk trid warrab minni dan il-kalċi, iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek.” (Lq 22, 42)

4. “Min jilqa’ lilkom jilqa’ Lili u min jilqa’ Lili jkun jilqa’ lil min bagħatni” (Mt 10, 40)

5. Stiefnu qal: “Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub.” (Atti 7, 20)

**(20 marka)**

## TAQSIMA F

Ikteb **10 sentenzi fuq <u>wieħed</u>** minn dawn li ġejjin:

1. Dun Ġorġ Preca
2. Dun Mikiel Azzopardi
3. Dun Ġużeppi De Piro

**(15-il marka)**

## TAQSIMA Ġ

Ikteb **10 sentenzi fuq <u>wieħed</u>** minn dawn li ġejjin.

1. Il-Miġja ta’ San Pawl f’Malta
2. Il-ġrajja ta’ San Stiefnu
3. Il-ġrajja tad-djaknu Filippu u r-raġel mill-Etijopja.

**(15-il marka)**